MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 712/1982/2

**Paul Gauci, u b'digriet tal-24 ta' Jannar 1992 il-gudizzju gie trasfuz f'ismijiet ta' Alfred, Victor, Tessie armla ta' Joseph Aquilina u Antoinette mart John Grima ahwa Gauci stante l-mewt ta' missierhom l-attur**

**v.**

**Joseph Mugliette**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Gunju 1982 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi hu nkariga lill-konvenut bl-accettazzjoni tieghu bhala l-mandatarju tieghu, liema mandat gie itterminat f'Jannar tal-1982;

Illi nonostante li l-konvenut gie interpellat ghal dan, naqas li jaghti kont ta' dak kollu li kien ghamel u ta' dak kollu li rcieva u hallas; u rrifjuta li jirritorna lill-attur l-kotba tal-kontijiet u dokumenti ohra inkluzi kopji ta' income tax returns li jirreferu u jappartjenu lill-attur, u li jinsabu fil-pussess tieghu in vista tal-inkarigu li kellu;

Illi hu ddepozita mal-konvenut diversi somom ta' flus bejn l-1974 u l-1981;

Illi l-konvenut, interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-istess flus iddepozitati, baqa'  ma resaqx;

Talab li din il-Qorti:

(1) Tordna lill-konvenut biex jaghti kont ta' dak kollu li rcieva u hareg, u ta' dak kollu li ghamel bhala l-mandatarju tal-attur, u tiffissa ghal dan l-iskop zmien qasir u perentorju;
(2) Tordnalu biex jirritorna lill-attur kwalunkwe dokumenti, inkluzi kopji ta' income tax returns u kotba tal-kontijiet li jirreferu u jappartjenu lill-attur, u tiffissa ghal dan l-iskop zmien qasir u perentorju;
(3) Tillikwida l-ammont li huwa dovut lill-attur mill-flus iddepozitati mal-konvenut mill-istess attur;
(4) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont likwidat skond it-tielet talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-16 ta' Frar 1982 u tat-12 ta' April 1982 u tal-ittri ufficjali tal-14 ta' Gunju 1982, u tal-25 ta' Marzu 1982 u bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Marzu 1982 data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

(1) Illi huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur stante li kien irrestitwixxa dak kollu li kien jinsab ghandu lill-istess attur u dana kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza;
(2) Illi l-istess attur tul il-perjodu li kien ippermetta lill-konvenut jagixxi bhala mandatarju tieghu qatt ma talab lill-

istess ghar-rendikonti, u oltre, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-istess konvenut agixxa dejjem fuq istruzzjonijiet specifici moghtija lilu minn zmien ghal zmien mill-attur;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri;
Rat il-kontrotalba tal-konvenut fejn wara li ppremetta:

Illi Paul Gauci kien innomina lill-konvenut bhala mandatarju tieghu;

Illi f'din il-kapacita` l-konvenut kien ippresta u rrenda lill-istess Paul Gauci is-servigi tieghu u dana tul il-perjodu bejn l- 1974 u l- 1981;

Illi l-attur l-istess Paul Gauci ghalkemm mitlub, naqas li jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ghall-istess servigi;

Talab li din il-Qorti:

(1) Tillikwida l-ammont dovut bhala kumpens xieraq ghall-istess servigi okkorrendo per opera ta' periti nominandi;
(2) Tikkundanna l-istess Paul Gauci ihallas lill-konvenut Joseph Mugliette l-ammont hekk likwidat.
Bl-ispejjez kontra l-attur Paul Gauci li gie mharrek ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet ta' l-attur Paul Gauci ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talba maghmula mill-konvenut ghall-hlas ghas-servigi tul il-perjodu 1974 u 1977 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt anke in vista li l-istess talba hija preskritta, u ghaldaqstant ghandha tigi respinta;

Illi l-eccipjent ma jopponix u qatt ma oppona ghat-talbiet maghmula mill-konvenut ghall-hlas ta' servigi ghall-perjodu sussegwenti ghall-1977;

Ghalhekk huwa jipprotesta ruhu ghall-ispejjez tal-kawza a rigward tal-istess kontro-talba;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Frar 1983 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Michael Mallia bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-23 ta' April 1986 li permezz tieghu, billi l-perit legali gie elevat ghall-Magistratura, gie sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Antoine Fiott bl-istess fakolatjiet;

Rat id-digriet tat-22 ta' April 1991 li bih il-kawza giet differita sine die;

Rat id-digriet tas-27 ta' Gunju 1991 li peermezz tieghu, fuq talba ta' l-atturi, il-kawza giet riappuntata ghat-18 ta' Ottubru 1991;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Jannar 1992 li permezz tieghu, minhabba d-dewmien li kien hemm f'din il-kawza u anke minhabba l-fatt li l-perit legali minhabba mpenji ta' xoghol iehor ma jistax jiehu xoghol bil-Qorti, irrevokat id-digriet tat-23 ta' Marzu 1986 li permezz tieghu gie mahtur l-Avukat Dottor Antoine Fiott bhala perit legali u nnominat minfloku bl-istess fakoltajiet lill-Avukat Dottor Tonio Mallia;

Rat in-nota tal-perit legali tat-30 ta' Novembru 1992 li permezz taghha nforma lill-Qorti li huwa zamm tliet seduti izda kull darba l-partijiet jghidu lio kienu qed jiddiskutu ftehim bonarju u li dan il-ftehim kellu jigi finalizzat bejn l-Avukati u li konsegwentement ma jhossx li ghandu jlaqqa' l-partijiet biex jitkellmu bejniethom u fl-ahhar kull naha tkun trid tikkonsulta ma' l-Avukat taghha;

Rat id-digriet tal-21 ta' April 1993 li permezz tieghu l-kawza regghet giet differita sine die;

Rat id-digriet tas-16 ta’ Lulju 1993 li bih, fuq rikors ta’ l-atturi, il-kawza giet riappuntata ghall-24 ta’ Novembru 1993;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Tonio Mallia debitament mahlufa;

Rat in-nota ta’ kritika tal-konvenut u n-nota responsive ta’ l-atturi;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-30 ta’ Gunju 1997 fejn iddisponiet parzjalment minn din il-kawza billi kkon fermat ir-rapport peritali u ghalhekk iddecidiet billi:

“(1) tilqa’ l-ewwel talba u tiffissa xahrejn zmien lill-konvenut biex jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu;

(2) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba u dan sakemm tigi iddeterminata l-kontro-talba tal-konvenut u tiddikjara din it-talba intempestiva f’dan l-istadju;

(3) tilqa’ t-tielet talba u tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta’ Lm3,800 bl-imghax ta’ 6% fuq Lm800 u 5% fuq Lm3,000 mill-1982 sal-pagament effettiv; u

(4) tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma hekk likwidata fi zmien tliet xhur millum.

Dwar il-kontro-talba filwaqt li jibqghu impregudikati d-drittijiet tal-konvenut l-Qorti trid ta’ bilfors ukoll tastjeni f’dan l-istadju milli tiehu konjizzjoni taghha sew peress li ma ngabu ebda provi dwarha u sew peress illi din ma tistax tigi iddeterminata sakemm isir ir-rendikont fuq imsemmi.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri stante n-natura tal-kaz u d-determinazzjoni parzjali ghandhom jithallsu zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi”;

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut;

Rat is-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tad-9 ta’ Frar 2001 fejn irriformat is-sentenza appellata hekk:

“Tikkonfermaha in kwantu parzjalment iddisponiet mill-kawza billi kkonfermat ir-rapport peritali billi:

(1) Laqghet l-ewwel talba u ffissat xahrejn zmien lill-konvenut biex jaghti rendikont tal-amminsitrazzjoni tieghu.

(2) Tiddeciedi biss parzjalment it-tielet talba in kwantu qed tiddikjara illi fost l-attiv dovut lill-attur fi flus depozitati minnu ghall-konvenut, kellha tigi inkluza s-somma ta’ tlett elef u tmien mitt lira, bl-imghax ta’ sitta fil-mija fuq tmien mitt lira Maltin u hamsa fil-mija fuq tlett elef lira Maltin minn 1982 sal-pagament effettiv, waqt li tirriserva l-likwidazzjoni shiha tal-ammont dovut wara illi l-konvenut jottempera ruhu ma’ dak li gie ordnat li jagmel f’din is-sentenza meta ddecidiet l-ewwel talba.

(3) Tirrevoka l-kundanna tal-konvenut biex ihallas dan l-ammont f’dan l-istadju, u tirriserva li tiddeciedi ulterjorment it-talbiet fejn mehtieg fi stadju ulterjuri.

Fir-rigward tal-kontro-talba, una voltra ma jirrizultax li hemm appell mill-appellati kontra dik il-parti tas-sentenza appellata, ma jidhirx li din il-Qorti tista’ b’xi mod tissindika l-korrettezza tad-decizjoni tal-ewwel Qorti, anki jekk ghandha riservi dwarha. Konsegwentement sejra tikkonfermaha.

L-istess jinghad fir-rigward tad-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez tal-prima istanza. L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom ikunu a karigu tal-appellant.

L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni wara li jiddekorru x-xahrejn zmien li fihom l-appellant kellu jikkonforma ruhu ma’ dak deciz fuq l-ewwel talba, liema terminu jibda jiddekorri millum.”

Rat ir-rikors tal-konvenut ta’ l-1 ta’ marzu 2001 fejn talab estensjoni taz-zmien sabiex jaghmel ir-rendikont u d-

digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta' Mejju 2001 fejn inghata estensjoni ta' tliet xhur;

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fis-7 ta' Awissu 2001 li permezz taghha esebixxa rendikont tax-xoghol li ghamel sa mis-sena 1973 bhala prokuratur tal-mejjet Paul Gauci;

Rat il-verbal tat-30 ta' Ottubru 2001 fejn l-Avukat Dottor Anton Felice ghall-atturi talab ghall-isfilz ta' l-imsemmi rendikont stante li mhuwiex ir-rendikont mitlub mill-Qorti;

Rat in-noti tal-partijiet fir-rigward ta' l-imsemmija talba;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-ewwel punt li jrid jigi osservat dwar id-dokument li esebixxa l-konvenut permezz tan-nota tieghu tas-7 ta' Awissu 2001 hu li dan id-dokument instab minn din il-Qorti kif presjeduta gewwa *envelope* li fuqu xi hadd kiteb: "Dok prezentat 7/8/2001 li gie sfilzat b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' Ottubru 2001". Minn ezami tal-verbal tat-30 ta' Ottubru 2001 jirrizulta illi dak li gara dakinhar kien li ntalab l-isfilz ta' l-imsemmi dokument u l-Qorti kif allura presjeduta ordnat komunika tal-verbal lil "Dr. Stefano Filletti li ghandu jwiegeb fi zmien 15 il-gurnata millum bil-visto jew notifika tal-kontroparti li jkollha dritt ghar-replika ukoll fi zmien hmistax" u ddifferiet il-kawza ghall-14 ta' Dicembru 2001 ghall-provvediment u, skond il-kaz, ghas-sentenza. Pero` baqa' ma nghata l-ebda provvediment u ghalhekk din il-Qorti se taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward ta' l-imsemmi dokument.

L-artikolu 390 tal-Kap. 12 huwa car dwar dak li ghandu jkun fih rendikont:

**"(1) Il-kont ghandu jkun fih –**

**(a) tifsira cara tal-hwejjeg li taghhom ghandu jinghata kont;**
**(b) il-partiti tad-dhul;**
**(c) il-partiti tan-nefqa;**
**(d) il-bilanc li ghad irid jidhol u l-hwejjeg li ghandhom jittiehdu lura.**

**(2) Il-kont ghandu jaghlaq b'rijassunt."**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Paola Gauci pro et noe vs Vincenzo Gauci et** moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kummercjali fil-11 ta' Mejju 1964 (Vol. XLVIII.i.571) gie spjegat illi **"il-forma traccata mil-ligi li fiha l-kont ghandu jigi prezentat mhux talment rigoruza li n-nuqqas ta' l-osservanza taghha ggib il-piena tan-nullita`, jigifieri l-kont ghandu jitqies validament kompilat anki jekk ma jkunx ghal kollox konformi ghal preskrizzjonijiet tal-ligi, purche`, pero`, ikun jipprezenta fil-kompless tieghu l-istat attwali tad-dhul u tal-hrug u minnu jkunu jirrizultaw b'mod apparenti, jigifieri kapibbli, l-elementi indispensabbli ghad-diskussjoni tieghu …."**

Ir-rendikont (Dok. A) li esebixxa l-konvenut mhux biss mhuwiex maghmul fil-forma traccata mil-ligi, izda jikkontjeni biss rassenja tax-xoghol li allegatament ghamel meta kien prokuratur ta' Paul Gauci. Ghalhekk certament ma jistax jitqies bhala rendikont kif trid il-ligi u kif gie ordnat mill-Qorti illi jaghmel.

Skond l-artikolu 394(1) tal-Kap. 12:

**"Meta min ghandu jaghti l-kont ma jipprezentahx fiz-zmien stabbilit, il-qorti tista' tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispecifika, imqar b'gurament, is-somma li ghandha tinghata."**

Effettivament l-attur Paul Gauci kien diga` kkonferma bil-gurament tieghu f'seduta quddiem l-Imhallef Supplenti l-Avukat Dottor Michael Mallia dak li huwa kien qieghed jippretendi minghand il-konvenut. Diga` gie deciz bis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell succitata li fost l-

attiv dovut lill-attur ghandha tigi inkluza s-somma ta’ Lm3,800 bl-imghax ta’ 6% fuq Lm800 u 5% fuq Lm3,000 mill-1982 sad-data tal-pagament effettiv. Minbarra dan, fix-xiehda tieghu Paul Gauci qal ukoll illi jhallas cens fuq Wembley House u Ice Flats lil huh Luke Gauci u kellu arrangament mal-konvenut li kien jigbor ic-cnus kollha (inkluz sehmu ta’ Lm2.50) jaghtihom lilu u hu jhallas lil Luke Gauci. L-ammont globali tal-flus li kien jigbor kien Lm18. Paul Gauci xehed illi jaf zgur li tas-sena precedenti (cioe` tas-sena 1981, peress illi huwa kien qieghed jixhed fis-16 ta’ Lulju 1982) il-konvenut ma tahomlux u ma kienx cert jekk hallasx tas-snin ta’ qabel. Stante tali incertezza, din il-Qorti jidhrilha illi tista’ tikkonsidra biss il-pagament ghal sena wahda, u cioe` li l-konvenut ghandu jhallas ukoll is-somma ta’ Lm18 rapprezentanti c-cnus tas-sena 1981.

Issa, il-konvenut ghamel kontro-talba fejn talab li jigi likwidat kumpens xieraq ghas-servigi minnu rezi lil Paul Gauci bejn l-1974 u l-1981. L-attur eccepixxa l-preskrizzjoni ghall-perijodu bejn l-1974 u l-1977. L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **George Sciberras et vs Josephine Spiteri et** moghtija fl-1 ta’ April 2005, qalet hekk fir-rigward tal-preskrizzjoni ghal servigi:

**“Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li talba ghal hlas ta’ servigi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ….**

**Il-gurisprudenza in materja hija wahda kostanti fis-sens li hemm lok ghall-preskrizzjoni f’kazijiet ta’ servigi jew prestazzjonijiet ohra, avvolja jkun hemm kontinwazzjoni taghhom. U l-Qrati Taghna, anki f’kazijiet recenti, applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwita` tas-servigi. Dan il-principju gie ribadit fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta’ Jannar, 1955 fil-kawza ‘Agostino Pace et vs Antonio Agius noe’ fejn jinghad espressament li *‘l-azzjoni ghall-hlas ta’ servigi u ghar-restituzzjoni ta’ spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha***

***f'hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta' persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri."***

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-attur kien iddikjara illi "ma jafx li huwa debitur stante li jidhirlu li ssodisfa kwalunkwe debitu li huwa ghandu lejn Joseph Mugliette ghall-perijodu 1974 u 1977". Il-konvenut kien prokuratur ta' l-attur Paul Gauci izda wara li dan innomina wkoll lil ibnu Alfred Gauci, il-konvenut, b'ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 1982, irrinunzja ghall-prokura favur tieghu u l-pretensjoni gudizzjarja tieghu ghal servigi avvanzaha permezz tal-kontro-talba tieghu tad-19 ta' Lulju 1982 f'dawn il-proceduri. Mill-provi ma tirrizulta ebda cirkostanza li tista' twassal lil din il-Qorti li tiddikjara li b'xi mod kien hemm rikonoxximent tad-debitu pretiz mill-konvenut jew li kien hemm xi promessi da parti tad-*decuius*, u f'dan is-sens ma jistax jinghad li kien hemm interruzzjoni jew ammissjoni tad-debitu reklamat. Ghalhekk, in kwantu jirrigwarda l-perijodu li jigi qabel id-19 ta' Lulju 1977, kull pretensjoni li jista' jkollu l-konvenut huwa preskritt.

Kwantu ghall-perijodu rimanenti, Paul Gauci qal fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu illi "qatt ma oppona li jhallas kwalunkwe drittijiet dovuti lil Joseph Mugliette ghal xoghol ta' amministrazzjoni maghmul minnu kemm-il darba l-istess Joseph Mugliette jaghti indikazzjoni tax-xoghol li ghalih ghadu ma thallasx u d-dritt dovut ghall-istess xoghol. Joseph Mugliette naqas li jaghmel dan u

ghaldaqstant l-esponenti jipprotesta ruhu ghall-ispejjez tal-kawza a rigward tal-istess kontro-talba.”

Il-konvenut xehed diversi drabi quddiem il-perit legali. Fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 1983 qal li l-prokurazija tieghu kienet tikkonsisti fil-mili tal-Income Tax, ircevuti ta’ diversi cnus li l-attur kien jircievi minn zmien ghal zmien kif ukoll li jiehu hsieb ir-relazzjonijiet ta’ bejn l-attur u l-Awtorita` tad-Djar dwar Requisition Orders li kienu johorgu mid-Dipartiment fuq sitt flats li kellu l-attur, kif ukoll l-istess dar fejn joqghod. Fil-kwistjoi li kellu ma’ l-Income Tax Department kien imurlu hu biex isolvi l-problemi li nqalghu. Qal li l-attur kien jigbor ic-cnus hu u jghidlu biex jaghmel l-ircevuti, u gieli tah xi envelope sigillat biex izommulu fis-safe. Ghar-rigward l-ircevuti kien jippreparahom fuq “duplicate receipt books” u ghalhekk dejjem kien izomm kopja ta’ l-ircevuta. Bolol kien ihallas hu. Kien izomm kotba ohra dwar din l-amministrazzjoni li kienu jikkonsistu f’notamenti ghalih biex ikun jaf x’kien qed jigri. Fis-seduta tat-22 ta’ Frar 1985 il-konvenut xehed illi fl-1977 Paul Gauci kien diga` qassam il-proprjeta` tieghu pero` zamm zewg postijiet, wiehed 66 Pieta` Wharf, Pieta` u l-iehor f’Bishop Caruana Street, Msida. Qal li kien jiehu hsieb il-manutenzjoni ta’ dawn il-postijiet fis-sens li kien iressaqlu n-nies u Paul Gauci kien jirranga maghhom direttament; kien imur ghalihom hu (il-konvenut) sakemm jurihom il-post fejn joqghod imbaghad bdew jigu ghax-xoghol wahedhom – din grat f’xi zewg okkazjonijiet u Paul Gauci kien jitolbu jissorvelja x-xoghol specjalment meta kienet qed tinbidel l-opramorta tal-post il-Pieta`. F’din is-seduta semma’ wkoll li kien ha hsieb il-funeral u d-denunzja tal-mara ta’ Paul Gauci li mietet fl-20 ta’ Settembru 1974 u kif Paul Gauci kien imur ghandu ghal gurnata fil-weekend, meta kien ma jiflahx kien jiehdu ghand it-tabib u wara kien jghaddi l-konvalexxenza ghandu ghal xi tliet gimghat. Martu kienet tiehu hsieb l-esigenzi tieghu, inkluz dawk medici. Kellu dieta specjali minhabba qalbu u d-diabete.

Issa, filwaqt illi meta l-konvenut xehed ma specifikax f’liema perijodi huwa ppresta s-servigi msemmija minnu, mid-Dok. A fuq imsemmi li esebixxa l-konvenut stess

jirrizulta illi s-servigi li huwa pprovda lill-attur u li dwarhom xehed kien principalment sal-1977, jigifieri ghall-perijodu li dwaru gie dikjarat li kull pretensjoni tieghu hi preskritta. Kwantu ghall-prestazzjonijiet l-ohra personali li hu u martu rrendew lil Paul Gauci, dawn ma ghandhom x’jaqsmu xejn mas-servigi li rrenda l-konvenut qua prokuratur ta’ Paul Gauci u li dwarhom tirreferi l-kontro-talba. Fi kwalunkwe kaz tali prestazzjonijiet mhumiex ta’ entita` tali li jwasslu lil din il-Qorti biex tikkunsidra xi forma ta’ kumpens. Prattikament l-unici servigi rezi mill-konvenut li dwarhom din il-Qorti tqis li ghandu jkun hemm kumpens huwa fir-rigward tal-mili tar-returns ta’ l-income tax u xoghol ancillari u li din il-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri* fl-ammont ta’ mitt lira (Lm100).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi:

(1) Tilqa’ t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien hmistax millum jikkonsenja lill-atturi kwalunkwe dokumenti, inkluzi kopji ta’ income tax returns u kotba tal-kontijiet li jirreferu u kienu jappartjenu lill-illum mejjet Paul Gauci,
(2) B’riferenza ghat-tielet talba attrici tillikwida ammont ulterjuri ta’ tmintax-il lira (Lm18) li ghandu jithallas mill-konvenut lill-atturi,
(3) Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta’ Lm3,818 bl-imghax ta’ 6% fuq Lm800 u 5% fuq Lm3,000 mill-1982 sal-pagament effettiv u bl-imghax skond il-ligi fuq Lm18 millum,
(4) Tilqa’ t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu limitatament billi, filwaqt illi tiddikjara preskritta kull pretensjoni tieghu ghal servigi rezi bejn l-1974 u l-1977,
(a) Tillikwida l-ammont dovut lill-konvenut ghas-servigi minnu rezi fl-ammont ta’ mitt lira (Lm100) u
(b) Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut din is-somma hekk likwidata ta’ mitt lira (Lm100) bl-imghax millum.

Bl-ispejjez dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici li jithallsu mill-konvenut u dawk dwar il-kontro-talba tal-konvenut li jithallsu kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------